MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 68/2012

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Nielson Jacob Carsten**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disgha mija, hamsa u erbghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€945.44) in konnessjoni ma' *Bundle Service Agreement Home Pack 42 A/C40156548* li jinkludi telefon *21324176*; servizz ta' television *1425118242* u *1425119243* u servizz ta' *ADSL* kif ukoll ghas-servizz tal-

*GO Sports Premium*, liema servizz gew ikkuntrattati permezz ta’ zewg kuntratti datati 2 ta’ Settembru, 2010.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta’ Settembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-28 ta’ Ottubru, 2012 u filfatt il-konvenut nqas li jidher sabeix jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disgha mija u hamsa u erbghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€945.44) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------